MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 490/2010

**Paul Camilleri (I.D. No. 24555 M) f'ismu proprju u**

**ghan-nom tad-ditta Paul Camilleri & Associates**

**vs**

**Frank Dimech (I.D. No. 33942 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-12 ta' Mejju, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti *proprio et nomine* sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi r-rikorrenti rrendew servizzi professjonali ta' periti arkitetti u inginiera civili lill-intimat rigwardanti diversi progetti f'Ghawdex, fis-Swieqi u fil-Belt Valletta;

1.2. Illi ghalhekk ir-rikorrenti rikorrew fi spejjez relatati mal-istess servizzi li saru fuq talba tal-istess intimat, (ara foll 4 *et sequitur)*;

1.3. Illi r-rikorrenti ma baqghux jirrendu aktar servizzi professjonali lill-intimat;

1.4. Illi l-bilanc tad-drittijiet u tas-servizzi professjonali rezi lill-intimat dovuti minnu lir-rikorrenti jammonta ghal sebgha u ghoxrin elf, mija u wiehed u erbghin Ewro u tmienja u tletin centezmu, (€27,141.38), (ara foll 4 *et sequitur*);

1.5. Illi nonstante li interpellat diversi drabi l-intimat baqa` inadempjenti;

1.6. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti kienu kostretti jadixxu din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` iwiegeb u jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma fuq indikata rapprezentanti bilanc ta' drittijiet dovuti lir-rikorrenti ghas-servizz professjonali minnhom rez in konnessjoni ma diversi progetti f'Ghawdex, is-Swieqi, u l-Belt Valletta, oltre spejjez inkorsi mill-istess

rikorrenti ghall-istess servizz, liema xogholijiet u spejjez saru fuq talba tal-istess intimat;

1.6.2. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-29 ta' Lulju, 2010, li permezz taghha l-intimat irrisponda sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi mhux kontestat li l-intimat kien inkariga lir-rikorrenti ghax-xogholijiet kif indikati fir-rikors guramentat promotur;

2.2. Illi l-intimat dejjem kien pront fil-pagamenti minnu dovuti lir-rikorrenti;

2.3. Illi l-intimat hallas lir-rikorrenti ghas-saldu tax-xogholijiet u spejjez kollha involuti;

2.4. Illi ghalhekk m'hemm xejn aktar dovut lir-rikorrenti kif jirrizulta mill-fattura tar-rikorrenti annessa mar-rikors guramentat promotur, (ara foll 4 *et sequitur*);

2.5. Illi rigward il-progetti l-ohra imsemmija fil-ftehim bejn il-kontendenti, oltre dawk indikati fil-paragrafu numru tnejn, (2), tar-risposta guramentata tal-intimat, (ara foll 21), id-drittijiet u l-ispejjez dovuti kellhom jithallsu lir-rikorrenti meta jitlestew l-istess progetti;

2.6. Illi r-rikorrenti itterminaw unilateralment l-inkarigu moghti lilhom, u dan, qabel ma tlestew ix-xogholijiet patwiti;

2.7. Illi r-raguni ghal din it-terminazzjoni hi attribwibbli unikament lir-rikorrenti;

2.8. Illi d-drittijiet reklamati mir-rikorrenti jirrizultaw:

2.8.1. Mahdumin b'percentwali ghola mit-Tariffa K tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2.8.2. Ibbazati fuq estimi eccessiv;

2.9. Illi l-ispejjez reklamati huma wkoll eccessivi;

2.10. Illi r-rikorrenti ghandhom ukoll inaqqsu hamest elef, tmin mija u wiehed u sebghin Ewro u wiehed u hamsin centezmu, (€5,871.51), stante li dan l-ammont kien gia` imhallas lir-rikorrenti;

2.11. Illi l-intimat kien ikkontesta l-interpellazzjonijiet li sarulu;

2.12. Ghaldaqstant jeccepixxi s-segwenti:

2.12.1. Illi t-talba tar-rikorrenti rigwardanti x-xoghol fis-Swieqi u fil-Belt Valletta hi manifestament infondata *stante* li gia` kien sar pagament ghas-saldu fir-rigward;

2.12.2. Illi t-talba tal-istess rigwardanti x-xoghol f'Ghawdex hi intempestiva *stante* li l-ftehim patwit jistabilixxi li l-ispejjez u d-drittijiet dovuti ghandhom jithallsu meta x-xogholijiet jigu terminati

2.12.3. Illi fi kwalsiasi kaz l-ammont reklamat mir-rikorrenti mhux gustifikat stante li:

2.12.3.i. Id-drittijiet reklamati huma ezagerati ghaliex:

a. Mahdumin b'percentwali oghla minn dak permess mit-Tariffa fuq indikata;

b. Ibbazati fuq estimi minfuhin u skorreti;

2.12.4. Illi l-fattura tar-rikorrenti ghandha titnaqqas bl-ammont ta’ hamest elef tmin mija u wiehed u sebghin Ewro, u wiehed u hamsin centezmu, (€5,871.51), liema ammont gia` gie debitament imhallas mill-intimat lir-rikorrenti;

2.12.5. Illi l-intimat m’ghandux ghalhekk jigi rez responsabbli ghall-ispejjez tal-procedura odjerna;

2.12.6. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.12.7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-15 ta’ Dicembru, 2010, li permezz tieghu hatret perit tekniku hemm indikat, (ara foll 25);

4. Rat ir-relazzjoni peritali ipprezentata in atti fil-21 ta’ Frar, 2013, (ara foll 50 *et sequitur*);

5. Rat id-digriet taghha datat it-3 t’Ottubru, 2013, li permezz tieghu awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legal ital-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 230);

6. Ezaminat is-sottomissjonijiet skritti tal-kontendenti, dik tar-rikorrenti datata s-16 ta’ Dicembru, 2013, (ara foll 239 *et sequitur*) u dik tal-intimati datata t-28 ta’ Marzu, 2014, (ara foll 250 *et sequitur*);

7. Rat id-dikjarazzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datata s-6 ta’ Mejju, 2014, li permezz taghha informaw lill-qorti li kienu qeghdin jistriehu fuq in-noti rispettivi minnhom intavolati, (ara foll 255);

8. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

9. Semghet lix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

10. Illi din il-kawza essenzjalment hi wahda li permezz taghha r-rikorrenti qeghdin jitolbu il-hlas ghas-servizzi minnhom rezi u ghad-drittijiet lilhom dovuti, mentri l-intimat qieghed jirribadixxi li l-ammont mitlub hu ezagerat u parti minnu effettivament gia` gie minnu saldat;

11. Illi jirrizulta li matul ir-relazzjoni professjonali taghhom l-atmosfera bejn il-kontendenti odjerni kienet tajba hafna u jirrizulta li l-intimat kien ihallas lir-rikorrenti l-ammonti minnu dovuti *man mano* li l-progett li jkun, jigi terminat;

12. Illi jirrizulta li f'xi hin din l-atmosfera inbidlet u issa r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-ammonti lilhom dovuti mill-intimat ghas-servizzi lilu minnhom rezi u ghad-drittijiet lilhom dovuti;

13. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghar-relazzjoni teknika ipprezentata in atti li, peress li din il-qorti m'ghandiex raguni valida ghaliex m'ghandiex timxi mod iehor, qed taghmilha taghha u tistrieh kompletament fuqha;

14. Illi din ir-relazzjoni sintetikament tistabbilixxi s-segwenti:

14.1. Ezami dettaljat tax-xogholijiet tal- bini kollha involuti li jirrizulta li kienu bdew fl-2004, (ara foll 60);

14.2. Illi l-proprjetajiet kollha involuti li fuqhom hadem ir-rikorrenti huma kollha elenkati fl-istess relazzjoni, (ara foll 61), u huma dettaljatament ezaminati kif jidher a foll 69, 70,71, 72, 73, 77, 78, 79, 83, 86, 91 u 92;

14.3. Illi fir-rigward tal-proprjetajiet indikati fil-paragrafu precedenti din il-qorti tiddikjara li qeghda tistrieh kompletament fuq il-kostatazzjonijiet hemm indikati;

14.4. Illi jirrizulta li r-relazzjoni bejn il-kontendenti bdiet tiddeterjora fl-2008, (ara foll 61);

14.5. Illi f'Gunju 2009 ir-rikorrenti infurmaw lill-intimat li ma kellhomx aktar interess biex ikomplu bl-inkarigu lilhom minnhu moghti, (ara foll 76 sa 78);

14.6. Illi nonstante s-suespost jirrizulta mid-dokumentazzjoni tal-MEPA li l-perit arkitett inkarigat xorta wahda baqa` ir-rikorrenti Paul Camilleri, stante li ma kienet sottomessa l-ebda *"Change of Architect Form"*, (ara foll 62);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-perit tekniku fuq riferit jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

15.1. Illi rigward il-proprjetajiet indikati fil-paragrafu 80 tar-relazzjoni peritali *di quo*, (ara foll 93), jirrizulta li hemm qbil bejn il-kontendenti li l-intimat ghandu jhallas l-ammonti hemm indikati lir-rikorrenti ammontanti komplessivament ghal tlett mija u sitt Ewro u tmienja u hamsin centezmu, (€306.58);

15.2. Illi dwar il-proprjeta` fi Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, jirrizulta li r-rikorrenti ghandhom jiehdu l-ammont ta' tlett elef u wiehed u disghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu, (€3,091.27), u dan, tenut kont ta' ammont *in parte* precedentement gia` saldat mill-intimat, (ara foll 94);

15.3. Illi dwar il-proprjeta` "Ultima", Triq l-Ghammar, l-Ghasri, Ghawdex, ir-rikorrenti ghandu jiehu mill-intimat l-ammont komplessiv ta' tmint elef, tmin mija u disgha u sebghin Ewro u sitta u sebghin centezmu, (€8,879.76), kif hemm ukoll deskritt, (ara foll 94);

15.4. Illi rigwardanti l-fond *"Dionisia"*, fl-istess triq indikata fil-paragrafu precedent, l-intimat ghandu jaghti lir-rikorrenti l-ammont komplessiv ta' sitt elef mitejn u sebgha Ewro u tlett centezmu, (€6,207.03), u dan, tenut kont tal-ammont *in parte* precedentement saldat mill-intimat, (ara foll 94);

15.5. Illi rigward il-fond "Sicula", fl-istess triq indikata fil-paragrafu ta' qabel dak precedent, l-intimat ghandu jaghti lir-rikorrenti l-ammont ta' mija u erbgha u sebghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu, (€174.47), u dan tenut kont tal-ammont *in parte* precedentement saldat mill-intimat, (ara foll 94);

15.6. Illi in vista tal-premess jirrizulta li l-ammont komplessiv li l-intimat ghandu issa jaghti lir-rikorrenti jammonta ghal tmintax –il elf, sitt mija u disgha u hamsin Euro u hdax –il centezmu, (€18,659.11), u mhux kif indikat fir-relazzjoni in dizamina, (ara foll 94);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti qed tistrieh kompletament fuq ir-relazzjoni peritali in dizamina bl-eccezzjoni tal-korrezzjoni minima rigwardanti l-konteggi fuq indikati.

**DECIDE:**

17.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ghalhekk, filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat, takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti, u konsegwentement:

17.1. Tikkundanna lill-intimat Frank Dimech ihallas lir-rikorrenti Paul Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Paul Camilleri & Associates l-ammont ta' tmintax -il elf, sitt mija u disgha u hamsin Ewro u hdax -il centezmu, (€18,659.11), lilhom minnu dovuti ghas-servizzi professjonali minnhom rezi in konnessjoni max-xogholijiet fuq indikati, oltre l-ispejjez inkorsi mill-istess rikorrenti ghall-istess servizz, liema xogholijiet u spejjez saru fuq talba tal-istess intimat fuq riferit;

17.2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti sad-data tal-effetiv pagament kontra l-istess intimat Frank Dimech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------